# IL-MALTIN FIT-TERREMOTI

*Guido Lanfranco*

Tista' tgħid li kuljum ikun hemm triegħid ta' l-art li jiġi mmarkat fuq l-istrumenti sejsmoloġiċi, imma kultant l-iskossi jkunu kbar biżżejjed biex nindunaw bihom aħna u ngħidu li għamel terremot. Imma xi drabi l-iskossi tant ikunu qawwija li jagħmlu l-ħsarat u jwerwru lin-nies. Għalkemm kellna bosta ċaqliqiet ta' l-art jew terremoti fil-gżejjer tagħna, qatt ma kellna diżastri li fihom mietu n-nies bħalma ġara kemm-il darba f'artijiet qribna iżda kellna terremoti li ħallew ħsarat kbar fil-bini. Hawn mhux se nagħmlu lista tat-theżżiż kollu li kellna; se naraw biss, bi ftit eżempji, ir-relazzjoni devozzjonali bejn il-poplu Malti u t-terremoti sa nofs is-seklu għoxrin. Terremoti ma tista' tagħmel xejn biex iżżommhom imma l-Maltin u l-Għawdxin, mdawrin bil-knejjes u x-xbihat tal-qaddisin, għal snin twal magħġunin bid-devozzjoni u l-fidi, ħadu l-unika triq li kellhom, jiġifieri li jirrikorru għall-għajnuna supernaturali bl-interċessjoni tal-qaddisin protetturi tagħhom.

**FIS-SEKLU SBATAX**

F'Marzu tal-1658 kien hemm serje ta' theżżiżiet. Bħalma kienu dejjem jagħmlu l-Maltin inġabru f'pellegrinaġġi votivi, bosta drabi bil-ħruġ ta' vari fil-knisja jew barra. Bħala eżempju ngħidu li d-Dumnikani tal-Belt Valletta kellhom inkwadru pittura ta' San Duminku bbażata fuq dik ta' Soriano fil-Kalabrija li kienu joħorġu biha fil-festa ma' l-istatwa ta' l-injam tal-Fratellanza tar-Ružarju, imma wkoll waħedha f'okkażjonijiet ta' kalamità. Għall-okkażjoni ta' dak it-terremot ħarġu pellegrinaġġ bl-inkwadru fid-29 ta' Marzu. Din il-pittura tinżamm fis-sagristija.



L-akbar terremot li nħass f'Malta u Għawdex u l-aktar li huwa msemmi f'kitbiet storiċi huwa t-Terremot il-Kbir tal-11 ta' Jannar 1693, li kienet taħbat il-festa ta' San Igino u kien prinċipalment fi Sqallija. F'dak it-terremot kienu ġġarrfu bosta knejjes u bini ieħor u kien hemm ħsarat ma' kullimkien, imma ma jidhirx li kien hemm nies mejtin. Il-Gran Mastru Adrien Wignacourt kien ordna li l-karnival, festi u xalar għandhom jitrażżnu kif ukoll ordna li t-teatru u attivitajiet oħra m'għandhomx isiru b'mod ferrieħi.

Tliet snin wara dan it-terremot tal-1693 il-kapitlu tal-matriċi t'Għawdex beda drawwa li kull 11 ta' Jannar issir proċessjoni votiva bir-relikwa ta' Sant' Orsla, l-protettriċi ta' dik il-gżira. Kienu jibdewha mill-matriċi sal-knisja tal-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini fil-post magħruf bħala Ta' Fomm il-Ġir. Dan għax ġie deċiż li l-ħelsien mit-terremot kien sehh bl-interċessjoni ta' din il-Madonna. F'din l-okkażjoni kienu jakkumpanjaw il-kbarat kollha ta' Għawdex. Biex bdiet issir din il- wiegħda, kienu għamlu kuntratt formali bin-nutar fil-15 ta' Mejju 1693. Din il-proċessjoni baqgħet issir kull sena u kienet issir wkoll donazzjoni ta' 10 skudi lill-Kapuċċini. Sfortunatament b'ċirkolari ta' Frar-Marzu 1968, l-isqof t'Ghawdex iddecieda li jwaqqaf il-proċessjonijiet votivi kollha ta' Għawdex u b'hekk spiċċaw diversi manifestazzjonijiet tradizzjonali u maħbubin. It-tpinġija titulari fil-knisja Tal-Grazzja t'Għawdex hi attribwita lil Stefano Erardi u tirreferi għal dak it-terremot, u isfel nett taħt il-figuri tidher ukoll il-proċessjoni votiva.

Il-knisja tal-gżejjer Maltin kienet introduċiet drawwa oħra wara dan it-terremot. Kull sena, fil-11 ta' Jannar, fil-11 ta' filgħodu bdiet tindaqq mota bil-qniepen kollha biex iħarsuna minn flaġell bħal dak. Ta' min jiftakar li l-Maltin kienu jemmnu li l-qniepen, bid-daqq tagħhom, kienu jeħilsuhom mis-sajjetti u mit-terremoti. Tajjeb ngħidu li fl-1886 il-benefattur Giuseppe Rapa offra li jħallas għal qanpiena mdaqqsa għall-knisja parrokkjali tax-Xagħra. Din berikha l-isqof li għamel erba' kelmiet għall-okkażjoni. Fost ħwejjeġ oħra qal lil dawk miġburin li meta l-qanpiena ddoqq hija teħles lix-Xagħra mit-terremoti, epidemji, mard u sajjetta.

**FIS-SEKLU TMINTAX**

Fil-21 ta Frar 1743 kien inħass terremot iżda dan għandu mqabbla miegħu il-leġġenda tal-Madonna Tal-Mirakli ta' Ħal Lija. Jingħad li s-sagristan, meta wasal biex jagħlaq il-knisja għal-lejl, u għadda minn quddiem it-trittiku antik tal-Madonna, ra qisu ilma fuq wiċċha. Filgħodu kmieni mal-lejl inħass terremot. Għalhekk in-nies twajba u fidili ta' l-inħawi malajr qalu li dak l-umdu jew likwidu li ra s-sagristan kien dmugħ jew għaraq u l-inċident ġie nterpretat bħala miraklu. F'dak it-terremot kien hemm diversi ħsarat fil-bini. Fost oħrajn il-Karmelitani tal-Belt Valletta kellhom ħsara fis-saqaf tal-knisja u l-pittura kollha kienet ixxaqqet, u fl-aħħar spiċċat biex inqalgħet u waqgħet.



Kien inħass terremot ieħor fis-26 ta' Frar 1745. Minn dak iż-żmien f'Għawdex kienu bdew jagħmlu proċessjoni votiva mill-parroċċa

tan-Nadur għall-knisja tal-Kunċizzjoni tal-Qala, biċ-ċelebrant liebes l-istola vjola. Meta jaslu l-Qala, kienu jintonaw il-Miserere għal tliet darbiet. Il-miserere kienu jkantawh fil-pellegrinaġġi u proċessjonijiet votivi l-oħra.

Fl-Isla kienet saret proċessjoni votiva bil-vara tal-Bambina mill-knisja parrokkjali sa dik tal-Porto Salvo, aktar magħrufa bħala Ta' San Filippu. Din saret minħabba t-terremot tal-1757. Hemm min, b'fidi kbira, iżid jgħid li 'minn dak iż-żmien ma nħassux aktar terremoti kbar f'Malta.'

**SEKLU DSATAX**

L-istatwa ta' San Ġorġ tal-parroċċa t'Għawdex kienu joħorġuha fi żmienijiet ta' krżi. L-istatwa stess kienet saret b'wiegħda wara l-kolera tal-1837, għalhekk baqgħet tintuża f'kull kalamità li kienet tinqala' billi joħorġuha minn-nicca fil-knisja jew f'pellegrinaġġ. Fost diversi għamliet ta' tiġrib, kienu ħarġuha min-niċċa fit-theżżiż tal-lejl tal-11 ta' Ottubru 1856.

Fl-14 ta' Awissu 1886 kien hemm terremot li baqa' jkaxkar b'serje ta' theżżiżiet oħra sat-18 u 19 ta' l-istess xahar. Dan kien ħoloq ħafna biża' u għamel ħafna ħsara strutturali ma' kullimkien. Fid-devozzjoni tagħhom, il-Maltin baqgħu jgħidulu 'Terremot Ta' Santa Marija'.

**SA NOFS IS-SEKLU GHOXRIN**

Fil-21 ta' Jannar tal-1922 Kien hemm terremot ieħor li qanqal biża' kbira. Il-kobor ta' din il-biża' wieħed jista' wkoll jaraha mill-proċessjoni votiva li ħarġet mill-parroċċa ta' San Ġorġ t'Għawdex għax, mhux biss ħarġu l-vara ta' San Ġorġ bħalma kienu jagħmlu s-soltu, imma magħha ingħaqdu vari oħrajn ta' knejjes oħra li kienu dik tal-Madonna ta' Lourdes u dik ta' Sant' Orsla, biex flimkien marru sal-knisja Tal-Grazzja tal-Kapuċċini.

Fil-15 ta' Jannar tal-1924 inħass terremot ieħor, qawwi biżżejjed biex, fir-Rabat t'Għawdex, ġiegħelhom joħorġu lil San Ġorġ minn-niċċa.

**SANTI U QADDISIN**

F'artijiet barra minn pajjiżna hemm diversi qaddisin magħżulin biex iħarsu lill-fidili mit-terremoti. Il-Malta jitolbu lil Santa Barbara bil-ġakulatorja 'Santa Barbara, la deni u lanqas ħsara!' ghax meqjusa bħala protettriċi mhux biss kontra s-sajjetti imma wkoll kontra t-terremoti. Hemm ukoll l-għażżiela li ssir fiz-żebbuġ, Għawdex f-Settembru għall-festa ta' l-Isem ta' Marija. Din jagħmluha mill-għaġina u jaqtgħuha bil-pressa u toħroġ qisha ċirku mqasqas li fih jidher in-nome di Maria, l-inizjali tal-Verġni Marija. L-għażżiela titqassmu u tinżammu fid-djar bħala devozzjoni, u hemm min juża bċejjeċ minnha kontra s-sajjetti, mard u terremoti. Sant'Antnin ta' Padova



u Sant-Anton Abbati huma meqjusa wkoll protetturi fil-kalamità fosthom it-terremoti.

F'Malta insibu eluf ta' santi b'talb għall-okkażjonijiet kollha li tista' timmaġina, imma ftit tistenna li ssib fosthom waħda kontra t-terremoti. Madankollu fl-1780 ġa kien hemm xi ħadd f'Malta li stampa diversi kopji ta' talba kontra t-terremoti, kif jidher minn xi dokumenti.

Fl-aħħar xhur tal-1944 f'Malta kienet ġiet stampata minn Cordina's Emporium, 'Talba 'l Sant Emidju biex iħarisna mit-terremoti.' Kienet talba qasira biż-żieda tal-Missierna, Sliema u Glorja, kif ukoll 'Pater, Ave u Glorja għall-bżonnijiet ta' min xerred dan it-talb għażiż'. Din ġiet stampata hawn Malta fuq ir-revers ta' santa miġjuba mill-Italja li turi lil San Emidju.

---

***L-illustrazzjonijiet juru:***

San Emidju protettur tat-terremoti

Xbiha tal-Madonna tal-Mirakli, Ħal Lija (santa li titqassam hemmekk)

Titular tal-Madonna Tal-Grazzja tal-Kapuċċini ta' Għawdex
(Kartolina ta' David Moore Holdings Ltd, stampata Charvin Press & Co. Ltd.)

***Is-Siġġiewi Brass Band & Social Club tixtieq tħeġġeġ lil kulħadd biex waqt il-jiem tal-Festa nħeġġu lil kulħadd iżejjen il-faċċati tad-djar kif ukoll il-bjut b'dawl sabiħ u attraenti kif jixtieq lill-Festa tagħna għall-Patrun San Nikola...***